**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Silvio Magro)**

**Vs**

**Martin Agius**

Illum, 8 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Agius, ta' 33 sena, iben Anthony u Mary nee' Busuttil, imwieled Pieta', fit-13 ta' Jannar, 1983 u residenti 25 Triq il-Fjuri, Mqabba, detentur ta' karta tal-identita' 67383(M) akkuzat talli :-

Nhar it-22 ta' Settembru 2015 bejn 19:00 u 19:45 hrs gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, cioe' gewwa ajruplan tar-Ryanair El-DLF, ikommetta serq ta' diversi oggetti liema serq ma jeccedix elfejn tlieta mija u dishga u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammeta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacjemtement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li kkopera, l-ammisjoni bikrija u tentu ukoll kont tal-pre-sentecing report u n-natura tal-gravita' tar-reati, tqis ghalhekk li l-imputat ghandu jitqeghed taht ordni ta' probation u jigi ordnat jaghmel servizz fil-komunita'.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni li ngabet fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikoli , 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u inoltre' tpoggih taht ordni ta' servizz fil-komunita' u tordna lill-hati jaghti tmenin (80) siegha fil-komunita'.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettqu reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat